10 ta' Jannar, 1952.

Imħallef:

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Pauline Frendo *versus* Giuseppe Dalli**

**"Barmaid" — Sekwestru — Salarju — Perkaċċi — "Landi" — Art. 382 (1) (d) tal-Kap. 15.**

*Il-paga jew salarju ta' "barmaid" "ut sic" ma hix suġġetta għal sekwestru.*

*Imma l-perkaċċi, jew "landi", li l-"barmaid" tiġġwadanja fl-eżerċizzju tax-xogħol tagħha ta' "barmaid" huma suġġetti għas-sekwestru.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi ppremettiet li l-konvenut, fid-29 ta' Ottubru 1951, ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-attriċi f'idejn Giulia Holland għas-somma ta' £51. 8. 0 (dok A); u li hi tinsab impjegata bħala "barmaid" b'salarju fiss, u għalhekk il-mandat fuq riferit ma jistax iseħħ peress li ġie maħruġ kontra d-dritt kontemplat mill-art. 382 (1) (d) tal-Kodiċi

tal-Proċedura Ċivili; u talbet li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li s-salarju tagħha mhuwiex sekwestrabili, u (2) tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat tas-sekwestru għall-motivi fuq riferiti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Hu risaput, u jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' l-attriċi, li "barmaid", minbarra l-paga tagħha fissa, tieħu anki perkaċċi minn dawk li jissejħu "landi", ċjoè, għal kull bibita li permezz tagħha jitħajjar jieħu avventur, il-prinċipal jagħti lilha "landa", li mbagħad il-"barmaid" issarraf bix-xelin il-waħda. Dawn il-perkaċċi, fil-każ ta' l-attriċi, jilħqu medja anki ta' lira kuljum, barra s-salarju tagħha ta' £14 fix-xahar;

Skond l-art. 382 (1) (d) Kap. 15, ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq ħlas jew salarji ("wages or salary") ta' lavranti, ħaddiema u sefturi;

Ma hemmx dubju illi d-dispożizzjoni tal-liġi hija bażata fuq distinzjoni bejn ix-xogħol li jirrikjedi ċerta kultura intellettwali u dak li jirrikjedi biss attività materjali jew korporali (ara sent. App. Inf. "Caruana vs. Sciberras", 28 ta' April 1928; Kumm. "Schembri vs. Scicluna" 2 ta' Jannar 1901; "Fava vs. Laus", Prim'Awla 4 ta' Marzu 1899; "Garrone vs. Mariani", Prim'Awla 20 ta' Ottubru 1900; App. "Buhagiar vs. Lancellotti", 6 ta' Diċembru 1912; "Sourey vs. Cutajar", P.A. 26. 3. 1935; "Pace vs. Abela", 4 ta' Marzu 1939, App. Inf.);

Kwindi ebda sekwestru ma seta' jolqot il-paga ta' l-attriċi "ut sic";

Tibqa' l-kwistjoni tal-"perkaċċi" fuq imsemmija; għaliex jekk dawn huma sekwestrabili, allura s-sekwestru għandu jiġi biss ridott;

Għandu jiġi osservat, qabel xejn, li dawn il-perkaċċi l-attriċi tiggwadanjahom bl-eżerċizzju ta' l-istess attività manwali, ossija korporali, u għalhekk, kieku kellha titqies biss ix-xorta ta' xogħol, ma hemm xejn kontra l-insekwestrabilità;

Il-kwistjoni, però, hi jekk il-perkaċċi għandhomx jiġu kunsidrati bħala li jidħlu taħt il-kliem "ħlas jew salarji"

("wages or salary") — "mercedi o salari" fit-test antik Taljan;

Jista' jingħad, qabel xejn, illi miż-żewġ sentenzi ċitati mill-attur iċi fid-dikjarazzjoni tagħha fol. 3, fl-ewwel waħda l-punt in eżami f'din il-kawża lanqas biss ġie diskuss, u t-tieni waħda tirrigwarda l-każ divers ta' chauffeur;

Issa, hu indubitat — u dan ġie affermat f'sentenza tal-Prim'Awla sedenti l-Imħallef Dr. Filippo Pullicino, 5 ta' April 1878, "Attard vs. Cassingena", u oħra ta' l-istess Qorti allura presjeduta mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, in "Sghendo vs. Hili", 10 ta' Mejju 1920 — illi d-dispożizzjoni in kwistjoni, bħala li qiegħda tissottrai parti mis-sustanzi tad-debitur mill-azzjoni tal-kreditur, hija ta' natura eċċezzjonali, u għalhekk ma tistax tiġi estiża oltre l-menti tal-leġislatur. B'hekk biss, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, hemm biżżejjed biex wieħed igħid li l-insekwestrabilità ma għandhiex tiġi estiża għall-perkaċċi fuq imsemmija, li mhumiex la "wages" u lanqas "salary" fil-kliem tat-test Ingliż, li huwa prevalenti bħala test (ara klawsola 16 ta' l-Ittri Patenti tal-5 ta' Settembru 1947, li jistabbilixxu l-karika tal-Gvernatur);

Jekk wieħed imbagħad irid raġuni oħra, hemm anki din. Kif osserva l-President Sir Giuseppe Carbone, App. Inf. "Testa vs. Francalanza", 14 ta' Gunju 1905, din id-dispożizzjoni "è intesa a sovvenire con un provvedimento eccezionale coloro che, lavorando a giornata, percepiscono una piccola retribuzione, comunque chiamata mercede o salario, corrispondente ai loro giornalieri e necessari alimenti..........." Issa din il-konsiderazzjoni, ossija "ratio" tal-liġi, tista' tapplika għas-salarju fiss, f'dan il-każ £14 fix-xahar, li hu appuntu dak li, skond ir-Regolamenti tal-Pulizija, jitqies mill-Kummissarju meta, qabel ma jagħti permess għall-impieg ta' "barmaid", jeżamina l-kondizzjonijiet ta' l-impieg tagħha; iżda ma tistax tapplika għal dak li hu oltre s-salarju, u li, fil-każ in ispeċje, jilħaq, jew jista' jilħaq, mat-£30 oħra fix-xahar. Kien ikun mhux biss kontra l-ittra tal-liġi, li tgħid "wages and salaries", imma anki kontra l-ispirtu tagħha, kieku l-insekwestrabilità tiġi estiża għal dawn il-perkaċċi. Għaliex il-leġislatur, meta għamel din id-dispożizzjoni, kellu fil-ħsieb tiegħu, almenu skond iż-żmienijiet ta' allura, illi l-paga tal-

ħaddiem manwali, kif esprima ruħu l-President Sir Arturo Mercieca in "Savona vs. Laferla", Prim'Awla 27. 11. 23, "suole ordinariamente essere bastevole ai più necessari bisogni di chi lo percepisce e della sua famiglia" — kliem li ma jadattawx ruħhom għall-perkaċċi "extra", li jistgħu jitilgħu, kif f'dan il-każ fil-fatt jitilgħu, għal somma diskreta;

Dak li ngħad fuq, dwar li d-dispożizzjoni eċċezzjonali talliġi ma għandhiex tiġi estiża, hu aktar veru l-lum il-ġurnata. Meta saret dik id-dispożizzjoni, il-leġislatur ikkunsidra li l-ħaddiem manwali kellu jiġi differenzjat mill-ħaddiem intellettwali minħabba li kien hemm allura, fil-ġeneralità tal-każijiet, differenzi sostanzjali fil-pagi. Il-fatt li dana ma tantx hu aktar hekk il-lum il-ġurnata ċertament ma jbiddelx l-applikabilità tad-dispożizzjoni fil-każijiet minnha kontemplati, imma ma jistax ma jirrendix aktar impellenti li wieħed joqgħod attent li ma ssirx interpretazzjoni estensiva oltre l-intent tal-leġislatur;

Raġuni oħra hija anki din. Il-kliem "wages" — "salary", bħal kliem "mercede" — "salario", jimpurtaw blas regolari fiss għal xogħol kontinwativ f'sens li ma jadattax ruħu għall-qliegħ li hu verament avventizju, bħal dak tal-perkaċċi fuq imsemmijin;

Għalhekk tiddeċidi;

... Fis-sens biss li tilqa' l-ewwel talba limitatament għassalarju "ut sic", apparti l-perkaċċi, u tilqa' t-tieni talba fissens biss li tirriduċi l-effett tas-sekwestru għall-perkaċċi fuq imsemmija, eskluż mill-istess sekwestru tas-salarju;

... Atteża x-xorta tal-kwitjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għak-kariku ta' l-attriċi.